**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 167/2018 AGV**

**ML B**

*vs*

**AB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Ġuramentat ta'  M L B  li ppremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tlettax (13) Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1989).

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett ulied: KB illi twieled nhar l-1 ta' Ġunju 1992, u li għalhekk huwa maġġorenni; CB illi twieled nhar it-29 ta' Jannar 1996, li sfortunatament ġie nieqes nhar il-31 ta' Diċembru 1997, u CR B illi twieldet nhar il-31 ta' Jannar tas-sena 2002, u għalhekk hija minuri. Kopja taċ-ċertifikati relattivi tal-ulied jinsabu hawn annessi u immarkati bħala **Dok A, B,** u **C** rispettivament.

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba vjolenza domestika severa fil-konfront tar-rikorrenti u t-tlett ulied, konsistenti fi swat frekwenti, terrur kontinwu, theddid, kontrol assolut u nuqqas ta' kontribut finanzjarju għall-familja mill-intimat. L-intimat għamel ħajjet martu u uliedu infern, u dan kif se jirriżulta waqt l-andament tal-kawża. In oltre', il-ħajja matrimonjali tal-partijiet saret ukoll impossibli minħabba adulterju mwettaq mill-istess intimat, bl-aktar mod lampanti, u dan kif se jirriżulta matul dawn il-proċeduri.

4. Illi, din l-Onorabbli Qorti fl-udjenza tad-19 ta' April 2018 ordnat illi '***minħabba l-gravita' taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ... b'effett immedjat AB ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali u ċioe' Blokk D3, Flat 6, Housing Estate, Triq il-Kultellazz, Mosta, u għandu, sakemm ma tingħatax ordni oħra mill-Qorti jżomm distanza sa mhux inqas minn 500 metru mill-imsemmija dar u minn kull fejn ikunu jinstabu M LB u l-minuri CR B***.' Vera Kopja tad-Digiet jinsab hawn anness u mmarkat bħala **Dok D**.

5. Illi għalhekk ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabilment u ma jeżisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tipprocedi b'separazzjoni personali minn mal-intimat, mill-Qorti Ċivili (*Sezzjoni tal-Familja*) permezz ta' digriet ulterjuri datat it-3 ta' Mejju 2018. Vera kopja tad-digriet jinsab hawn anness u mmarkat **Dok E**.

**Għaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:**

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi u dan għal ragunijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri CR B esklussivament f'idejn l-esponenti u kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, ma' safar u ħruġ tal-passaporti, jittieħdu esklussivament mill-esponenti; kif ukoll ai termini tal-Artikolu 56A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara illi l-intimat m'huwiex idoneju illi jkollu l-kustodja tal-istess minuri.

3. Tiffissa u tillikwida retta alimentari għar-rikorrenti u għall-minuri CRB kull erba' ġimgħat, liema manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga/salarju/qliegħ/benefiċċju soċjali tal-intimat AB u għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja; liema somma għandha tkopri wkoll l-ispejjeż relatati ma' saħħet l-esponenti u saħħet il-minuri u wkoll mal-edukazzjoni tal-istess minuri, liema manteniment għall-minuri għandu jibqa' pagabbli sakemm l-imsemmija minuri tagħlaq l-eta' ta' 18 – il sena jekk hija tieqaf mill-iskola u tibda taħdem bi qliegħ, jew sa 23 sena jekk l-istess minuri tiddeċidi illi hija tibqa' tistudja fuq bażi *full-time*.

4. Tordna illi l-manteniment hekk iffissat jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti.

5. Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrent.

6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni, mhux ugwali b'tali mod illi tigi stabbilita` data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist tar-rikorrenti, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun hemm il-ħtieġa u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-intimata fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

7. Tikkundana lill-intimat jikkonsenja jew iħallas lir-rikorrenti skont il-każ il-beni u l-krediti kollha parafernali tar-rikorrenti.

8. Tordna lir-rikorrenti esponenti tibqa' tgħix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied ad eskluzjoni tal-intimat, ai termini ta' l-Artikolu 55A tal-Kodici Ċivili;

9. Tiddikjara u tordna b'mod definittiv li t-titolu ta' kera tad-dar matrimonjali jigi assenjat lir-rikorrenti ad eskluzzjoni tal-intimat.

10. Tordna illi s-servizzi kollha użati fid-dar matrimonjali sad-data illi fiha l-intimat ġie allontat mill-istess dar ikunu a karigu assolut tal-intimat.

11. Tordna illi t-tiswijiet u r-renovazzjonijiet rikjesti fid-dar matrimonjali, liema ħsarat ġew kkawżati bit-traskuraġni tal-intimat tul iż-żwieġ tal-partijiet, ikunu a karigu assolut tal-intimat.

12. Toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali a favur ir-rikorrenti u l-ulied, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 37 sub-artikolu (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti għall-kunjoma xbubitha **D.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li hu minn issa inġunt in subizzjoni.**

Peress li dina l-kawza miexja mal-kawza fl-ismijiet **AB vs M L B (Rik. Nru. 156/18),** dina l-Qorti tordna li l-istess sentenza fil-kawza msemmija tinqara kontestwalment ma' dina l-kawza.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa'l-ewwel talba attrici.

2. Dina t-talba giet ceduta mill-attrici stante li CR illum hija maggorenni.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici kif fuq imfisser in kwantu jirrigwarda l-manteniment.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici minhabba l-adulterju tal-konvenut.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna x-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici.

11. Tilqa’ l-hdax-il talba, limitatament ghat-tiswijiet wara li l-attrici ghandha tipproduci stimi ghal istess.

12. Tilqa’ t-tnax-il talba attrici.

13. Tilqa’ t-tlettax-il talba attrici.

14. L-istess talba giet ceduta mill-attrici u ghaldaqstant, ghandha tibqa’ zzomm il-kunjom “B”

**L-ispejjes kollha ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur.**